MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 743/2006

**Francis Cassar ID. 515465(M)**

**Vs**

**Kevin Cutajar u Dorianne Felice,**
**solidament bejniethom**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Awissu, 2006, fejn gie premess illi l-ammont mitlub huwa flus li l-konvenuti serqu minghand l-attur, liema serq kien ammess mill-konvenuti stess, u li l-konvenuti weghdu li jroddu lill-attur. Illi l-konvenuti, izda naqsu milli jaghtu lura l-flus li kienu hadu. Ghalhekk l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati, flimkien u solidalment bejniethom, li jhallsu l-imsemmija somma ta' elf Lira, bl-imghax legali mit-12 ta' Gunju 2006, id-data tas-serqa, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 2072/06, kontra taghhom, li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti pprezentata fid-29 ta' Awissu 2006 fejn gie eccepit illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-ebda wahda mill-konvenuti ma kkommetta xi serq a danni tal-attur.

Sema` l-provi kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokument kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-bazi ta' l-azzjoni attrici tidher li hija ammisjoni tal-konvenuti li kellhom jikkonsenjawlu Lm1000 wara li l-attur jsostni illi l-konvenuti hadulu Lm3000 mis-safe tieghu u kienu gew ritornati lilu Lm2000 biss.

L-Ispettur **Alex Grech** (28.02.07) jghid illi l-konvenuta ammettiet mieghu illi kienet hadet Lm2000 u rritornatom lill-attur fil-presenza ta' l-istess Spettur. Jghid wkoll illi l-konvenut Cutajar kien qal lil-attur Cassar "*jekk irid Lm1000 ohra, kien jaghtihomlu*". Jghid wkoll illi ma' dan il-kliem, Cutajar qal lil Cassar wkoll "*mbasta lilna thallina bi kwietna*". L-istess Spettur ma dana kollu jghid "*fl-ebda mument ma' Kevin Cutajar ammetta illi miss xi haga ta' Francis Cutajar*".

Filwaqt illi l-**attur** jsostni illi mis-safe tieghu ttiehdu Lm3000 u mhux Lm2000, it-Tribunal irid jistqarr illi jsib ix-xhieda ta' Josephine Felice, Joseph Cassar u Deborah Richard bhala <u>mhux</u> kredibbli, ghal mod kif xehdu u l-komportament taghhom fl-Awla, oltre` l-fatt illi hadd minnhom ma` seta` jixhed fuq il-fatti di scienza proprja, izda xehdu biss supposizzjonijiet u x'allegatament semghu lil haddiehor jghid fuq it-telefon.

Daqstant iehor pero` t-Tribunal qed jiskarta s-sentenza tal-Qorti tal-Familja tat-30 ta' Settembru 2003 - stante illi jekk l-attur de quo (hemmhekk konvenut) ma twemminx

minn dik il-Qorti f'dik il-kawza, ma jfissirx illi ma` ghandux jitwemmen f'din il-kawza.

Il-konvenut **Kevin Cutajar** minn naha l-ohra, filwaqt illi jammetti illi kien qal lill-attur "*mbaghad ntihomlok*", b'referenza ghall-Lm1000, b'dana kollu jghid illi apparti li hu gieli rcieva telefonati u messaggi ta' theddid mill-attur, dak in-nhar, f'dik l-okkazzjoni, kien ra lill-konvenuta Dorianne Felice bajda karti bil-biza` hi u hierga mill-Ghassa tal-Pulizija ma` l-attur. L-istess xhud jichad illi hu qatt ma' miss s-safe ta' l-attur.

Il-**konvenuta** minn naha l-ohra tixhed u tghid illi fis-safe kien hemm Lm4000 u hadet Lm2000, nofshom, li hi hasset li kienu taghha in kwantu illi gemmathom flimkien ma` l-attur fuq medda ta' 12 il-sena jghixu flimkien.

Hi tghid illi Lm2000 taghtom lura lill-attur u wkoll "*jiena nichad kategorikament illi hadt Lm1000 ohra*". Tghid illi rcievet anke theddid ta' mewt mill-attur u bil-biza tammetti illi qaltlu "*Lm1000 naghtihomlok, mbasta thallini b kwieti*". Tghid illi anke jdejh l-attur refa` fuqha.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-attur ma rnexxilux jipprova li l-konvenuti hadu Lm3000 mis-safe tieghu.

Illi mix-xhieda tal-konvenuti jirrizulta ukoll illi l-attur konstantament ippersewigwita u dejjaq lill-istess konvenuti u it-Tribunal ihoss illi gie sodisfacentament ippruvat illi anke jekk il-konvenuti qalu lill-attur li kienu sejrin ituh Lm1000 ohra, dan qaluh ghax kienu mdejjqa bl-attitudini tieghu u biex jehilsu minnu, u mhux ghax kienu hadu l-istess Lm1000 mis-safe tal-attur, posizzjoni li dejjem sostnewha.

Illi l-versjoni tal-konvenuti tidher f'dan is-sens aktar kredibbli u verosimili, il-ghaliex x'sens kien jaghmel ghall-konvenuti illi jaghtu lura kull ma hadu mis-safe, flus, deheb u affarijiet ohra – imma ma jroddux wkoll Lm1000 li fuqha u dwarha ircevew thedded u anke swat.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet kollha jimmilitaw kontra t-tezi ta’ l-attur u favur il-posizzjoni tal-konvenuti.

Ghaldaqstant it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjes ta’ din l-istanza kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------